MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Numru 119/2012

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)
vs
Kirsten Mercieca

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 256995(m), akkuzat:

- bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa appartament privat li jgib in-numru 506, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbez 2329.37 euro, bil-mezz u bil-lok u dana ghad-dannu ta' Linda Elizabeth Anne Brincat u jew persuni ohra.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha;
Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament minn dina l-Qorti;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b' attentat ta' serq. Dan fl-isfond li fit-28 ta' Jannar 2012 l-imputat flimkien ma' zewg thbieb tieghu, guvni u tfajla, hi neputija tad-derubata, kienu marru fejn id-dar ta' l-ahhar imsemmija. Jinghad hawnhekk li n-neputija tad-derubata ta' kull l-ahhar tal-gimgha kienet torqod ghand nannieta u kienet xi gimgha jew gimghat qabel hadet c-cavetta tal-bieb ta' wara r-residenza ta' nannieta ghad-insaputa taghha u kif xehdet hi stess kienet serqitilha curkett li flimkien ma' siehbita, mhux l-imputat, beghtitu ghand hanut tad-deheb il-Belt. Intant, fl-okkazjoni meritu l-kawza bhala fatt l-imputat mar flimkien mal-imsemmija zewg thibieb tieghu fejn din ir-residenza. M'hemmx dubbju li it-

tnejn l-ohra marru bl-intenzjoni li jisirqu. Difatti kienu gew akkuzati fuq hekk u kienu ammettew.
Fil-konfront tal-imputat pero' kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija 'a tempo vergine' u kemm mix-xhieda tan-neputija jirrisulta li hu ma kienx akkompanjhom bl-intenzjoni li jisraq; lanqas ma kien a konoxxjenza tal-fatt li t-tnejn l-ohra kienu marru fir-residenza tan-nanna biex jisirqu. Dan ghandu jirrisulta b'mod skjett mil fuq riferita stqarrija izda aktar minn hekk mix-xhieda tan-neputija. F'din ix-xhieda hi spiegat li mal-imputat iltaghet kazwalment fil-gurnata 'de quo' u qaltlu li kienet sejra qadja u stiednitu biex imur maghha. Specifikatament qalet li lill-imputat ma kienet qaltlu xejn li kienet sejra ghand-nannieta bies tisraqha. Kienu tkelmu hi u l-guvni l-iehor mal-liema kienet qeghdha tohrog dak iz-zmien.
Issa, huwa minnu li l-imputat ma xehtdx. Ma kellu ebda obbligu stante li hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova sodisfacjentement u ghas sodisfazjoni tal-Qorti dak li tkun qed tallega. Fil-kaz in meritu hija nieqsa kull prova konvincenti li talvolta tista'twassal l-Qorti biex issib htija fl-imputat.
Kwindi, qeghdha tiddikjarah mhux hati u tilliberah.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------